MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 947/2005

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**Vs**

**LCL Location Company Limited**
**(Landrocks)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm372.28c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta skond Client Contract Number 1000203 in rigward ghal servizzi lilha rezi u dana fix-xhur bejn Gunju 2004 u Settembru 2004.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali ta' l-1 ta' Marzu, 2005 dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, dawk ta' l-Ittra Ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi Mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Daphne Dodebier tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm372.28c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------